MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**GEOFFREY VALENZIA**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Citazzjoni Numru. 1166/2007

**Henry (I.D. 385944 M) u Maria Annunziata konjugi Depasquale**

**vs**

**Benedetta Meilak; u Raymond, Herman u Christopher ahwa Meilak u Veronica Tabone u l-istess Benedetta Meilak bhala werrieta tal-mejjet Joseph Meilak**

**Il-Qorti**

Rat **l-atti tar-rikors** li permezz tieghu r-rikorrent issottomettew:

1. Illi s-socjeta' konvenuta hija debitrici versu l-attur fis-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm31,392) ekwivalenti ghal tlieta u sebghin elf, mija u tlieta u ghoxrin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 73,123.69) rapprezentanti din is-somma self maghmul lil Joseph Meilak, illum mejjet.

2. Illi l-konvenuti, ghalkemm debitament interpellati biex ihallsu dan l-ammont, baqghu inadempjenti.

3. Illi l-ammont huwa cert, likwidu u dovut.

4. Illi l-konvenuti m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu in kontro-trattazzjoni ghat-talbiet attrici u ghalhekk jippersistu c-cirkostanzi kontemplati fl-Artikli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ghaldaqstant l-esponent jitlob umilment li din il-Qorti joghgobha:

1. Tiddeciedi din il-kawza bid-dispensa tas-smigh a tenur ta' l-Artikli 167-170 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

2. Tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur solidalment bejniethom is-somma ta' wiehed u tletin elf, tlett mija u tnejn u disghin lira Maltin (Lm31,392) ekwivalenti ghal tlieta u sebghin elf, mija u tlieta u ghoxrin Euro u disgha u sittin centezmu (Euro 73,123.69).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' ittra ufficjali ta' l-1 ta' Ottubru 2007, mandat ta' inibizzjoni numru 1605/07, u l-imghax u l-konvenuti ngunti in subizzjoni.

Rat l-affidavit tar-rikorrent u d-dokumenti ezebiti;

Rat illi r-rikors gie debitament notifikat lil intimati li naqsu milli jidhru u jipprezentaw ir-risposta taghhom u hekk baqu' kontumaci;

Semghet lil Dr. David Camilleri;

Ezaminat l-atti tar-rikors;

Billi mill-provi mhux kontradetti t-talba dedota fir-rikors tirrizulta pruvata;

Fil-kontumacja tal-intimati tiddecidi billi tilqa' t-talba tar-rikorrenti kif dedotta fir- rikors bl-imghax u bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------